MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1667/2003

**M.I.M.S . Supplies Limited**

**vs**

**Raymond Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm127.91) rappresentanti bilanc minn somma ta' ammont akbar in konnessjoni ma' prodotti debitament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq ordni u inkarigu tal-istess konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Noel Bartolo in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm127.91), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------